MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2006

Appell Kriminali Numru. 269/2006

**Il-Pulizija**
**(Supt. N. Harrison)**

**Vs**

**Roger Sciberras**
**Maria Portelli**

**Il-Qorti:**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli f'dawn il-Gzejjer, fit-30 t'Awissu, 2003 u matul l-ahhar gimghat qabel dina d-data, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda :**
**a) fornew jew ipprokuraw jew offrew li jfornu jew li jipprokuraw d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap.**

**101 tal-Ligijiet ta' Malta, lill-persuna/i, jew ghall-persuna/i, minghajr ma kellhom licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kienu awtorizzati bir-regoli tal-1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta, li jfornu d-droga msemmija, u minghajr ma kienu fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellhom licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew jfornu d-droga msemmija w minghajr ma kellhom licenzja li jipprokuraw l-istess droga, u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli tal-1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emmendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**b) kellhom fil-pussess taghhom d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-raba' w is-sitt Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienux bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew li jfornu d-droga msemmija u ma kienux b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollhom fil-pussess taghhom dina d-droga u naqsu li jipprovaw li d-droga msemmija giet fornuta lilhom ghall-uzu taghhom skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv taghhom.**

**c) Roger Sciberras kien gie akkuzat ukoll talli fit-30 t'Awissu, 2003 u matul l-ahhar snin qabel dina d-data, kellu ukoll fil-pussess tieghu medicina ristretta u**

**psikotropika (ecstasy), meta ma kienx awtorizzat kif imiss, bi ksur tar-Regolament 5 (1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emmendat u 40A u 120A u t-tielet skeda tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta' Lulju, 2006, li biha, wara li rat ir-regolament 4 tal-G.N. 292/1939, Artikolu 22 (2)(b)(i)(ii) u 29 tal-Kap. 101, u l-Artikolu 40A, 120A, it-tielet skeda tal-Kap. 31, ir-regolament 5(1) tal-Kap. 31 u l-Artikolu 16 tal-Att V/1985 u l-Artikolu 17 u 31 tal-Kap. 9, sabet lill appellata Mary Portelli hatja w ikkundannata ghal sitt xhur prigunerija u lill-appellat Roger Sciberras ghal seba' xhur prigunerija. Ikkundannathom ukoll in solidum sabiex ihallsu lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' sitta w sittin liri Maltin (LM66) fi zmien xahar wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kap. 9.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fil-31 ta' Lulju, 2006, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata, tikkonferma s-sejbien ta' htija, izda tirrevoka l-piena w tinfliggi l-piena skond il-Ligi billi mal-piena karcerarja tizdied il-multa.

**Fliet l-atti kollha processwali,**

**Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali jikkonsisti fis-segwenti w cioe' li l-Ewwel Qorti ma tatx il-piena stipulata fl-artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap.101 li jistabilixxi li fejn hemm sejbien ta' htija ta' traffikar, apparti l-piena karcerarja, trid tigi mposta l-multa ta' mhux inqas minn mitejn lira (LM200), liema multa ghalhekk kellha tigi mposta.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Rat illi Dr. Joseph Giglio ghall-appellata Maria Portelli aderixxa mar-rikors tal-appell tal-Avukat Generali.**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi dan hu appell limitat ghall-piena. Illi l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara.** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella" **[14.6.1999] , "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina" **[24.4.2003] u ohrajn.). Dan il-principju ghandu japplika ugwalment meta l-appellant ikun l-Avukat Generali jew il-Kwerelant u fejn ikun qed jitlob li tizdied il-piena erogata mill-Ewwel Qorti.**

**Issa f'dan il-kaz il-piena preskritta mil-ligi fl-artikolu 22(2) (b) (i) hi dik ta' prigunerija ghal zmien mhux inqas minn sitt xhur izda mhux izjed minn ghaxar snin** u **multa ta' mhux inqas minn mitejn lira izda mhux izjed minn hamest elef lira.**

**L-Ewwel Qorti wara li sabet htija kemm tal-ewwel akkuza ta' traffikar tad-droga eroina kif ukoll ta' pussess tal-istess droga taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hatja, llimitat ruha biss biex applikat il-piena karcerarja minima minghajr ma applikat ukoll il-piena pekunjarja tassattiva tal-multa.**

**Illi l-Ewwel Qorti ma ccitat ebda cirkostanzi specjali u straordinarji biex tkun tista' taghti piena inqas mill-mimimu preskritt mill-Ligi w, f' kull kaz, skond l-artikolu 22(9) tal-Kap.101, id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali ma hux applikabbli dwar persuni misjuba hatja tar-reati li taghhom instabu hatja l-appellati u cioe' dawk kontemplati fl-artikolu 22(2)(b)(i) tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101).**

**Ghalhekk l-aggravju tal-Avukat Generali hu fondat fil-ligi u qed jigi akkolt.**

**Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa’ l-appell tal-Avukat Generali w tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellati hatja tar-reati rispettivi dedotti kontra taghhom u fejn ikkundannathom ghall-piena karcerarja ta’ seba xhur u sitt xhur prigunerija rispettivament kif ukoll fejn ikkundannathom in solidum sabiex ihallsu lir-Registratur ta’ din il-Qorti s-somma ta’ sitta w sittin liri Maltin (LM66) fi zmien xahar a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap.9 u tirriformaha billi, oltre l-piena karcerarja erogata, tikkundanna liz-zewg appellati ghall-hlas ta’ multa ta’ mitejn lira Maltin (LM200) kull wiehed .**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------